



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 69/25

il-Lussemburgu, 12 ta' Ġunju 2025

Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali fil-Kawża C-679/23 P | *WS et vs Frontex* (Operazzjoni konġunta ta' ritorn)

Avukat Ġenerali Ċapeta: Operazzjonijiet ta' ritorn – il-Qorti Ġenerali żbaljat fl-evalwazzjoni tagħha tar-rabta kawżali f'rikors għad-danni ppreżentat minn familja Sirjana kontra Frontex

Familja ta' Kurdi Sirjani ntbagħtu lura t-Turkija b'ajruplan mill-Greċja f'operazzjoni konġunta ta' ritorn ikkoordinata mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex). Hekk kif waslu t-Turkija, huma l-ewwel krew dar barra mill-kamp tar-refuġjati, u mbagħad iddeċidew li jaħarbu lejn l-Iraq, għax beżgħu li ser jiġu rritornati s-Sirja. Huma sostnew li r-ritorn kien illegali u li Frontex ma vverifikatx jekk kienx hemm deċiżjoni ta' ritorn dwarhom, u dan bi ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom, inkluż il-prinċipju ta' non-refoulement. Huma issa qegħdin jitolbu li Frontex tikkompensahom għal danni materjali u għal dawk morali.

Il-Qorti Ġenerali ¹ ċaħdet ir-rikors tal-familja minħabba n-nuqqas ta' rabta kawżali bejn l-allegat aġir illegali ta' Frontex u d-danni mġarrba, mingħajr ma evalwat il-kundizzjonijiet l-oħra sabiex tiġi stabbilita r-responsabbiltà. Hija qalet li, billi Frontex ma kellhiex is-setgħa li tevalwa l-mertu ta' deċiżjonijiet ta' ritorn u ta' applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali, hija ma setgħet tinżamm responsabbli għal ebda dannu relatat mar-ritorn fit-Turkija ta' dik il-familja.

F'dan l-appell, il-familja Sirjana sostniet li l-Qorti Ġenerali interpretat żażin ir-rikors tagħhom fis-sens li kien qed jikkontesta d-deċiżjoni lilhom tiġi rrifjutata l-protezzjoni internazzjonali jew d-deċiżjoni (impliċita) ta' ritorn li ttieħdet fil-konfront tagħhom mill-awtoritajiet Griegi, u mhux fis-sens li kien qiegħed jikkontesta l-allegat aġir illegali ta' Frontex fit-twettiq tal-obbligi tagħha. Minħabba din l-interpretazzjoni żbaljata, huma sostnew li l-Qorti Ġenerali naqset milli tevalwa l-argumenti tagħhom li l-aġir illegali ta' Frontex ikkawżalhom dannu u, għalhekk, ikkonstatat b'mod żbaljat li ma kienx hemm rabta kawżali.

Fil-Konklużjonijiet tal-lum, **l-Avukat Ġenerali Tamara Ċapeta tipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tannulla s-sentenza appellata u tibgħat l-kawża lura quddiem il-Qorti Ġenerali.**

L-Avukat Ġenerali tinnota li s-sentenza appellata tista' tiġi interpretata b'żewġ modi. L-ewwel, dik is-sentenza tista' tiġi interpretata fis-sens li l-Qorti Ġenerali fehmet żażin l-argumenti tal-appellanti fl-ewwel istanza fis-sens li dawn kienu qegħdin jikkontestaw il-validità tad-deċiżjoni ta' ritorn, pjuttost milli l-ommissjoni ta' Frontex li tivverifika jekk kienx hemm xi deċiżjoni ta' ritorn. F'dak il-każ, il-Qorti Ġenerali tkun applikat żażin il-kunċetti ta' attribuzzjoni u ta' kawżalità. Jekk it-talba mressqa quddiem il-Qorti Ġenerali tkun li l-azzjoni, jew in-nuqqas ta' azzjoni, ta' Frontex hija l-kawża, il-Qorti Ġenerali ma tkunx tistax tirrispondi għad-domanda jekk hemmx rabta bejn dik il-kawża u l-allegat dannu billi teżamina l-azzjoni, jew in-nuqqas ta' azzjoni, ta' attur differenti (f'dan il-każ, il-Greċja).

It-tieni, fil-fehma tal-Avukat Ġenerali, dik is-sentenza tista' tiġi interpretata fis-sens li l-Qorti Ġenerali qieset li Frontex ma tistax tinżamm responsabbli għad-danni, sa fejn hija sempliċement tgħin fl-operazzjonijiet ta' ritorn tal-Istati Membri. Dan ikun ifisser li Frontex ma għandha ebda obbligu li tivverifika jekk il-persuni koperti mill-operazzjoni konġunta ta' ritorn ikunx tabilħaqq persuni rripatrijati, fis-sens li jkun hemm deċiżjoni eżekuttiva ta' ritorn li tkun

tikkonċerna lilhom.

Fid-dawl ta' dan, l-Avukat Ġenerali Ċapeta tikkonstata li, taħt id-dritt applikabbli tal-Unjoni,² **Frontex għandha tabilħaqq obbligu li tivverifika jekk ikunx hemm deċiżjoni ta' ritorn b'rabta mal-persuni kollha koperti minn operazzjoni konġunta ta' ritorn**, u dan huwa importanti sabiex hija twettaq l-obbligu tagħha li tiżgura l-osservanza tal-prinċipju ta' non-refoulement fil-qadi tal-funzjonijiet tagħha. Dan effettivament ifisser li **l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta kkonstatat li ma seta' jkun hemm ebda rabta kawżali bejn l-allegat aġir illegali ta' Frontex u d-dannu mġarrab**.

Barra dan, l-Avukat Ġenerali Ċapeta tqis li l-fatt li r-responsabbiltà primarja għal ritorn hija tal-Istati Membri ma għandux iżomm milli Frontex tinżamm responsabbli għal dawn l-istess ommissjonijiet. Li ma kienx hekk, ikun hemm mnejn li Frontex ma tinżamm qatt responsabbli għal xi azzjoni jew ommissjoni matul operazzjonijiet ta' ritorn, billi l-Istati Membri jkollhom obbligi simili. Fil-fehma tagħha, dan ikun inaqqas bla meħtieġ ir-responsabbiltà ta' Frontex u jhedded il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali. L-Avukat Ġenerali hija, għalhekk, tal-opinjoni li, **f'sitwazzjonijiet fejn Frontex u l-Istati Membri jaqsmu l-obbligi f'operazzjonijiet konġunti ta' ritorn, Frontex tista' tinżamm responsabbli għal dannu kkawżat minn ksur ta' dawn l-obbligi**, anki jekk Stat Membru jista' jinżamm responsabbli wkoll għall-istess dannu. Konsegwentement, l-Avukat Ġenerali tikkonstata li **l-Qorti Ġenerali ma setgħetx tikkonkludi li ma setax ikun hemm rabta kawżali bejn l-ommissjoni ta' Frontex li tivverifika u d-danni mġarrba**.

L-Avukat Ġenerali Ċapeta teżamina wkoll il-konstatazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali li r-rabta kawżali nkisret mill-għażliet tal-familja Sirjana stess. F'dan ir-rigward, hija tinnota li kawżi eżistenti li fihom il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li kien hemm ksur fir-rabta kawżali minħabba l-għażliet tal-parti leża stess kienu, fil-biċċa l-kbira, jikkonċernaw dannu mġarrba fin-negozju. L-allegat dannu f'din il-kawża ma għandu x'jaqsam mar-riskju normali tan-negozju. Iżda, dak id-dannu huwa r-riżultat ta' allegat ksur tad-drittijiet fundamentali, inkluż il-prinċipju ta' non-refoulement, tal-familja Sirjana li kienu, fl-istess ħin, f'qagħda vulnerabbli. Id-deċiżjonijiet li ttieħdu mill-familja Sirjana hekk kif ġew irritornati t-Turkija ma jistgħux, għalhekk, jitqiesu li kienu 'għażliet ħielsa'.

NOTA: Il-konklużjonijiet tal-avukat ġenerali ma jorbotux lill-Qorti tal-Ġustizzja. Ir-rwol tal-avukat ġenerali huwa li jipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod kompletament indipendenti, soluzzjoni ġuridika għall-kawżi li jkunu ġew assenjati lilu. L-imħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-preżent bdew jiddeliberaw fuq dan il-każ. Is-sentenza ser tingħata iktar 'il quddiem.

NOTA: Il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tieħu konjizzjoni ta' appell, limitat għal punti ta' liġi, minn sentenza jew minn digriet tal-Qorti Ġenerali. Bħala prinċipju, l-appell ma għandux effett sospensiv. Jekk ikun ammissibbli u fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja tannulla d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali. Fil-każ fejn il-kawża hija fi stat li tiġi deċiża, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' hija stess taqta' l-kawża b'mod definittiv. Fil-każ kuntrarju, hija għandha tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali, li tkun marbuta bid-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fl-appell.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ](#) tal-konklużjonijiet jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih jingħataw il-konklużjonijiet.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ritratti tal-qari tal-konklużjonijiet huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!



¹ Sentenza tas-6 ta' Settembru 2023, WS et vs Frontex, [T-600/21](#) (ara wkoll l-Istqarrija għall-Istampa [Nru 133/23](#)).

² [Regolament \(UE\) 2016/1624](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta.